# FONZU L-FENEK JAGĦLAQ GĦAXAR SNIN



Kien propju għaxar snin ilu, fl-2013, li tfaċċa fuq ix-xena lokali karattru ta' fenek liebes qalziet roża u sidrija ħadra li f'qasir żmien sar maħbub mit-tfal Maltin u Għawdxin, u mhux biss. Illum il-ġurnata, ftit huma dawk li ma semgħux b'Fonzu l-Fenek u jekk tistaqsi nnies fit-triq, il-biċċa l-kbira jkunu kapaċi jkantaw ir-ritornell tal-kanzunetta ta' Fonzu. Dan mhux sorprendenti meta wieħed jikkonsidra li minn meta ttella' fuq il-pjattaforma YouTube, il-vidjo tal-kanzunetta ndaqq 'il fuq minn miljun u sitt mitt elf darba... medja ta' aktar minn 400 darba kuljum.

Biex insiru nafu aktar dwar dan il-karattru popolari, tkellimna ma' Michael u Suzanne Piscopo, koppja minn Ħ'Attard, li huma l-moħħ u l-mutur wara Fonzu l-Fenek. L-ewwel ma staqsejnihom kien proprju...

*X'kienet l-idea wara l-ħolqien ta' Fonzu l-Fenek?*

"Kollox beda bħala parti minn proġett fl-iskejjel Primarji li kont involuta fih madwar 12-il sena ilu," qaltilna Suzanne, li hija Professur fil-Fakultà tal-Edukazzjoni fl-Università ta' Malta. "L-għan tal-proġett kien li jiġi promoss il-konsum ta' ikel tajjeb għas-saħħa fost it-tfal ta' età żgħira. Kien dak iż-żmien li Michael u jien ħsibna li jkun ideali jekk il-messaġġ jitwassal permezz ta' maskot jew karattru li t-tfal jistgħu jirrelataw miegħu. Wara li għamilna stħarriġ fost studenti tal-Primarja, speċi ta' elezzjoni fuq skala żgħira, intagħżel Fonzu. Minn dak iż-żmien Fonzu l-Fenek ma ħares qatt lura."

*Sehem kbir fis-suċċess li kiseb Fonzu matul iż-żmien ma nistgħux ma nagħtuhx lill-kanzunetta popolari tiegħu.*



"Hekk hu," qalilna Michael, li hu l-awtur u l-kompożitur ta' bosta kanzunetti, kemm tat-tfal kif ukoll tal-kbar. "Proprjament, l-ewwel ma ktibt kienet il-kanzunetta "Ħaxix u Frott", kliem u mużika tiegħi b'arranġament tal-Mro Jonathan Abela. Dan kien speċi ta' innu tal-kampanja favur il-konsum ta' dawn il-prodotti naturali, dejjem parti mill-proġett li semmiet Suzanne. Biss wara, ġietni l-idea li nikteb kanzunetta dwar Fonzu, kanzunetta li tmur lil hinn mit-tema ewlenija tal-ikel bnin, u tkopri temi bħall-qari, l-ambjent, l-eżerċizzju fiżiku, l-irqad u oħrajn. Jissemmew ukoll Lola n-Nannakola u Miċu il-Qattus, ħbieb ta' Fonzu li flimkien ma' Benna l-Baqra, li ġiet aktar tard, jiffurmaw kwartett ta' ħbieb."

*X'taħseb li kienet ir-raġuni ewlenija wara s-suċċess tal-kanzunetta?*

"Naħseb li l-melodija tal-widna u l-lirika sempliċi huma żewġ ingredjenti li jagħmlu l-kanzunetta faċli biex tkantaha u titgħallimha. Minbarra hekk, Phyllisienne Brincat, li tkanta l-kanzunetta u li għamlet ukoll l-arranġament mużikali, għandha vuċi li nsibha adattata ħafna għall-kanzunetti tat-tfal. Inxebbaha ftit ma' Cristina d'Avena li fissnin 80 u 90 kienet tkanta is-sigla tal-cartoons tista' tgħid kollha li kienu jidhru fuq it-televiżjoni Taljana," kompla Michael.

*Fonzu jagħmel ukoll shows fil-pubbliku, hux hekk?*

"Iva. Il-maskot ta' Fonzu, twil 'il fuq minn żewġ metri, ilu s-snin iżur l-iskejjel Primarji biex jeduka u jferraħ lit-tfal u l-għalliema tagħhom," qalet Suzanne. "Show tipiku jdum madwar tliet kwarti u jinkludi informazzjoni u logħob, u naturalment, kant u żfin mal-kanzunetti popolari ta' Fonzu u sħabu. Barra 'Ħaxix u Frott' u 'Fonzu l-Fenek', kanzunetti oħrajn li ta' spiss jindaqqu waqt dawn ix-shows jinkludu 'Miċu il-Qattus', 'Lola n-Nannakola' u 'Benna l-Baqra', kif ukoll 'Inħobb Naħsel Idejja' kanzunetta qasira li Michael kiteb waqt il-Covid. Imbagħad, fix-xhar ta' Diċembru ninkludu wkoll il-kanzunetta 'Ġej il-Milied' li saret waħda mill-favoriti għall-istaġun," kompliet Suzanne. "Barra miżżjarat fl-iskejjel, Fonzu jieħu sehem ukoll f'diversi avvenimenti pubbliċi, ħafna minnhom organizzati mill-kunsilli lokali jew entitajiet diversi. Kultant, f'dawn l-avvenimenti, Fonzu jkun akkumpanjat mill-maskots tal-karattri l-oħrajn."

*Kieku kellkom tħarsu lura tul dawn l-għaxar snin, x'kienu l-mumenti prinċipali jew highlights kif jgħidu l-Ingliżi?*

"Kien hemm diversi minn dawn...", qaltilna Suzanne. "Waħda minnhom kienet meta l-President tar-Repubblika, li dak iż-żmien kienet ET Marie Louise Coleiro Preca, żaret skola fejn jiġi mgħallem il-Malti f'Melbourne l-Awstralja. L-istudenti tal-iskola, tfal ta' dixxendenza Maltija, kantawlha l-kanzunetta 'Fonzu l-Fenek'. Oħra kienet meta f'serata ta' beneficenza, indaqqet il-kanzunetta 'Fonzu l-Fenek' mill-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta b'arranġament speċjali li għamel wieħed mill-mużiċisti stess. Fonzu l-Fenek kienet waħda mill-kanzunetti tat-tfal kunsidrati biex tkun inkluża fil-European Songbook tal-Unjoni Ewropea, għalkemm ma ntagħżlietx (għax minnflok intagħżlet Ninni La Tibkix Iżjed). Minbarra hekk, Fonzu ssemma darbtejn fil-Parlament Malti bħala eżempju ta' sforz konkret biex l-ilsien Malti jibqa' relevanti għat-tfal u ma jintilifx. Għalina dan kien unur kbir."

"Tinduna wkoll kemm kanzunetta saret magħrufa meta tieħu direzzjoni mhux mistennija," kompla Michael. "Pereżempju l-melodija tal-kanzunetta kienet inkluża f'Pantomima tal-Milied, naturalment bil-kliem mibdul. Issib ukoll diversi parodiji tal-kanzunetta Fonzu l-Fenek fuq l-internet, fejn għalkemm il-lirika mhux dejjem tkun daqstant ħelwa, turi element ta' kreattività. Imbagħad kien hemm xi snin ilu, fejn l-istudenti ta' skola privata infexxew ikantaw Fonzu l-Fenek b'mod spontanju waqt Sports Day. Dawn u każijiet simili, huma xhieda ta' kemm saret popolari il-kanzunetta. Minbarra hekk, ma ninsewx li dan l-aħħar snin, kienu ħafna dawk li taw l-isem 'Fonzu' lill-fenek pet tagħhom, inkluż influencer popolari Malti," temm jgħid Michael.

*Grazzi tal-informazzjoni. Xi ħaġa tal-aħħar?*

"Nistgħu ngħidu li l-ewwel għaxar snin ta' Fonzu kienu mimlijin sodisfazzjon, ħafna aktar milli qatt bsarna. Ta' dan nirringrazzjaw lill-għalliema, lill-ġenituri, lin-nanniet, liz-zijiet u lil kull min jieħu ħsieb it-tfal, u naturalment lit-tfal stess. L-imħabba li naraw ta' kuljum min-naħa taċ-ċkejknin (u nies ta' kull età) lejn dan il-karattru timlina bilferħ. U nittamaw li l-għaxar snin li ġejjin ikunu aqwa minn ta' qabilhom. Għandna ideat u proġetti ġodda li diġà qed naħdmu fuqhom li se jkomplu jwasslu l-Fonzu u sħabu fil-pjazez, fl-iskejjel u fid-djar tal-Maltin u l-Għawdxin. Segwuna fuq is-sit ta' Fonzu, u fuq Facebook u Youtube," temmew jgħidu Michael u Suzanne.

www.fonzulfenek.org
www.facebook.com/fonzulfenek
www.youtube.com/fonzulfenek